**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 53/19**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Geoffrey Borg**

**Illum 11 ta' Marzu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Geoffrey Borg ta' sebgħa u erbgħin (47) sena, iben Joseph u Maria neè Camilleri, imwieled Pietà fis-27 ta' Lulju 1971, residenti ġewwa Blokk 5, Flat 13, Ras il-Qawra, San Pawl il-Baħar, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 343871(M), talli fil-ħinijiet ta' wara nofs in-nhar tat-Tnejn 21 ta' Jannar 2019 sat-Tlieta 22 ta' Jannar 2019 ġewwa Blokk 5, Flat 13, Ras il-Qawra, San Pawl il-Baħar, kif ukoll fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer:

1. Mingħajr ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti u mingħajr ma kellu xi raġuni legali sabiex persuna privata jarresta lil ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Nina Ryabchenko kontra l-volontà tagħha bi ksur ta' l-Artikolu 86 u 87(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. U aktar talli kkorrompa perit, xhud jew interpretu sabiex jagħti xhieda falza jew jagħti tifsir falz bi ksur ta' l-Artikolu 102(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Akkużat ukoll talli fit-22 ta' Jannar 2019 f'San Pawl il-Baħar:

3. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Nina Ryabchenko f'periklu ċar, ikkaġunalha ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa liema hija ta' natura ħafifa bi ksur ta' l-Artikoli 221 u 222 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli hedded lil Nina Ryabchenko bil-fomm liema theddid kien jinvolvi ukoll ordni jew kondizzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 249(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. U aktar talli inġurja u/jew hedded lil Nina Ryabchenko b'inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, anke jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li

ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tipprovdi għas-sigurtà ta' Nina Ryabchenko u dana billi tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u toħroġ Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawteli li l-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat li waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2019, Nina Ryabchenko iddikjarat li hija qed tirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni, ossia: il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali markat Dok. "GS1", Ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat markat Dok. "GS2"; Kopja ta' Risk Assessment maħruġ mill-Appoġġ markat Dok. "GS3"; Rapport ta' l-inċident markat Dok. "GS4" u Stqarrija ta' l-imputat markata Dok. "GS5";

Semgħet ix-xhieda mogħtija minn PS 1462 Joseph Attard, mill-Ispettur Godwin Scerri u minn Nina Ryabchenko mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Frar 2019;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri l-imputat qed jiġi akkużat talli fil-ħinijiet ta' wara nofs in-nhar tat-Tnejn 21 ta' Jannar 2019 sat-Tlieta 22 ta' Jannar 2019 ġewwa Blokk 5, Flat 13, Ras il-Qawra, San Pawl il-Baħar, kif ukoll fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer: (1) mingħajr ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti u mingħajr ma kellu xi raġuni legali sabiex persuna privata jarresta lil ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Nina Ryabchenko kontra l-volontà tagħha bi ksur ta' l-Artikolu 86 u 87(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) u aktar talli kkorrompa perit, xhud jew interpretu sabiex jagħti xhieda falza jew jagħti tifsir falz bi ksur ta' l-Artikolu 102(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; Akkużat ukoll talli fit-22 ta' Jannar 2019 f'San Pawl il-Baħar: (3) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Nina Ryabchenko f'periklu ċar, ikkaġunalha ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa liema hija ta' natura ħafifa bi ksur ta' l-Artikoli 221 u 222 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) u aktar talli hedded lil Nina Ryabchenko bil-fomm liema theddid kien jinvolvi ukoll ordni jew kondizzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 249(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) u aktar talli inġurja u/ew hedded lil Nina Ryabchenko b'inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, anke jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'dawn il-proċeduri xehedu, u dana waqt is-seduta tad-19 ta' Frar 2019, PS 1462 Joseph Attard u l-Ispettur Godwin Scerri.

**PS 1462 Joseph Attard** ppreżenta rapport datat 22 ta' Jannar 2019 li ġie mħejji minnu stess (markat Dok. "JA") u kkonferma l-kontenut ta' dan l-istess rapport. Mir-rapport essenzjalment jirriżulta li dan ġie mħejji wara li dakinhar tat-22 ta' Jannar 2019, għall-ħabta ta' 12:30hrs, il-Pulizija tad-distrett ġew infurmati li fi Triq il-Ġulju, San Pawl il-Baħar, waqgħet mara minn gallarija ta' residenza għall-isfel fit-triq. Hekk kif il-Pulizija aċċedew fuq il-post in kwistjoni huma sabu lil ċerta Nina Victorovna Ryabchenko, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0450216(L), li dak il-ħin kienet assisstita minn ċertu Manuel Grixti, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 827255(M). L-istess rapport ikompli bl-istqarrija li Nina Ryabchenko tat lill-Pulizija dwar dak li ġara u kif spiċċat biex waqgħet mill-gallarija tar-residenza tagħha għal isfel fit-triq.

Da parte tiegħu l-**Ispettur Godwin Scerri** ppreżenta ċertifikat mediku (Dok. "GS") maħruġ fir-rigward ta' Nina Ryabchenko datat 22 ta' Jannar 2019 u ffirmat minn Dr. Maria Farrugia, Reg. Med. No. 3609. Minn dan iċ-ċeritfikat jirriżulta li l-imsemmija Nina Ryabchenko sofriet grieħi deskritti bħala *slight save complications*.

Waqt is-seduta tad-19 ta' Frar 2019 dehret ukoll **Nina Ryabchenko**, l-allegata vittma f'dawn il-proċeduri, li però meta ħadet il-pedana tax-xhieda u ġiet mistoqsija: *So Ms Rybachenko you recently made a report with the Qawra Police Station, do you wish to testify in regards to the report that you made?* hija wieġbet *No*. Fuq domanda tal-Qorti: *You do not wish to testify?* Nina Ryabchenko mill-ġdid wieġbet *No*.

Fid-dawl ta' l-għażla ta' Nina Ryabchenko li ma tixhidtx f'dawn il-proċeduri, il-Qorti tinsab f'posizzjoni fejn għandha quddiemha biss xhieda li xehdu fuq dak li ġie rapportat lilhom u ċioè PS 1462 Joseph Attard, li rrapporta b'dak li ġew infurmati bih il-Pulizija tad-distrett fit-22 ta' Jannar 2019 u in segwitu dak li qaltlu Nina Ryabchenko, u l-Ispettur Godwin Scerri, li ppreżenta ċertifikat mediku dwar Nina Ryabchenko rilaxxat mit-Tabiba Dr. Maria Farrugia. B'din ix-xhieda biss il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat għall-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu għar-raġuni li ma ġiex ippruvat 'l hinn minn kull dubju raġjonevoli li huwa effettivament wettaq ir-reati li qed jiġu addebitati lilu, u li per konsegwenza huwa ħati ta' l-istess.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddikjara li mhux qed issib lill-imputat ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah mill-akkużi kollha miġjuba kontrih.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**